# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 18

Data tal-laqgħa: 22 ta' Mejju, 2025

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2025 fis-6:07p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Mariah Meli |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Helen Gauci<br>Marilena Hassan |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Fuq qbil bejn il-Kunsilliera preżenti, din il-laqgħa bdiet fis-6:07p.m. billi ntqalet it-talba.

## 18/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**18/01/01** Is-Sindku infurmat li dan il-Kunsill ma kien irċieva l-ebda ittra t'apoloġija u b'hekk kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa.

## 18/02 L-Amministrazzjoni tal-Operat u l-Finanzi tal-Kunsill Lokali

**18/02/01** Is-Sindku, is-Sa Meli, infurmat lill-Kunsilliera preżenti kif din il-laqgħa kienet ġiet imsejħa sabiex jiġi diskuss u deċiż dwar l-azzjoni li jmiss fuq kif wieħed ser jiddiskuti u jara l-*way forward* dwar l-amministrazzjoni tal-operat u l-finanzi tal-Kunsill Lokali. Għal din ir-raġuni, is-Sa Meli staqsiet jekk kienx hemm xi diskussjoni li għandha ssir dwar dan.

**18/02/02** Is-Sa Helen Gauci talbet sabiex tipproponi mozzjoni. Liema mozzjoni ġiet issekondata mas-Sa Marilena Hassan.

**18/02/03** Id-DSE infurmat li skond il-liġi, mozzjoni għandha tasal għand id-DSE sa sitt ijiem qabel ma tinżamm il-laqgħa tal-Kunsill.

**18/02/04** Is-Sa Gauci talbet lid-DSE tivverifika dwar dan peress li huma mxew kif suppost u s-suġġett mressaq fil-mozzjoni huwa fuq l-istess suġġett li qed jiġi diskuss f'din il-laqgħa. Għal din ir-raġuni, is-Sa Gauci talbet lid-DSE sabiex taqra l-mozzjoni ppreżentata.

**18/02/05** Peress li din il-mozzjoni ġiet imressqa waqt din il-laqgħa u mhux qabel, id-DSE talbet sabiex tissospendi l-laqgħa sabiex tivverifika mad-Direttur Ġenerali qabel tipproċedi biex tkun ċerta li l-proċedura li qed tittieħed tkun skond il-liġi.

**18/02/06** Wara li d-DSE ingħatat direzzjoni, hi nfurmat lill-Kunsilliera li din il-mozzjoni setgħet tiġi aċċettat peress li s-suġġett kien relatat ma' l-*item* li kien imniżżel fl-aġeda għal din il-laqgħa. Għal din ir-raġuni, is-Sa Meli qrat il-mozzjoni mressqa mis-Sa Gauci u sekondata mis-Sa Hassan u li qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti bħala 'Dokument A'.

**18/02/07** Is-Sa Meli infurmat kif din il-laqgħa kienet ġiet imsejħa propju għal din ir-raġuni sabiex tittieħed l-azzjoni 'il quddiem biex il-Kunsill ikun jistà jara n-nuqqasijiet li hawn preżenti, kemm mill-bidu ta' din il-leġislatura s'issa, kif ukoll mill-leġislatura preċedenti.

**18/02/08** Is-Sa Meli kompliet tispjega kif il-proposta li kienet qed tressaq hi għal din il-laqgħa kienet sabiex isir awditjar fuq kemm il-finanzi kif ukoll l-operat tal-Kunsill matul iż-żmien li ġie msemmi minnha, anke mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Għaldaqstant hi nfurmat li ser tkun qed titlob sabiex l-awditjar isir b'mod kunġunt bejn id-Direttorat tal-Gvern Lokali u l-Awditur Ġenerali u hekk inkun ntleħaq ftehim u bilanċ

**18/02/09** Is-Sa Gauci qalet kif hi ma kellha l-ebda problema dwar dan u kif din missha ġiet imressqa qabel ittieħed il-vot u mhux wara.

**18/02/10** Is-Sa Meli staqsiet kif wara l-mistoqsijiet kollha li kienu saru, sa din il-laqgħa stess, għad ma kienx hemm ċertu tweġibiet konkreti, u propju għalhekk din ma saritx qabel.

**18/02/11** Is-Sa Gauci reġgħet tenniet li din il-mozzjoni missa saret qabel il-mozzjoni ta' sfiduċja sabiex id-deċiżjoni tittieħed abbażi tar-riżultat minn dan ir-rapport. Hi qalet ukoll kif it-tweġibiet ma ġewx imwieġba qabel, minħabba n-nuqqasijiet li hawn fil-ħidma ta' l-uffiċċju u fil-problema li kien hemm bl-accountant tal-Kunsill. Għal din ir-raġuni hi talbet lid-DSE sabiex tixhed dwar dan li kien għadu kif ingħad.

**18/02/12** Id-DSE ikkonfermat dak li qalet is-Sa Gauci.

**18/02/13** IS-Sa Meli staqsiet jekk dan kienx ifisser li meta l-Kunsill kellu l-ammintrazzjoni kompluta, fil-bidu ta' din il-leġislatura, li d-DSE ma kienitx għadha preżenti, dawn l-affarijiet kienu ġew mitluba u xorta waħda ma kienux provduta. Għal din ir-raġuni, hi spjegat li persuna tagħti tort fuq l-amministrazzjoni mhux raġuni valida. Is-Sa Meli irringrazzjat lid-DSE għax-xogħol li qed tagħmel sabiex tara li l-affarijiet ikunu kif suppost.

**18/02/14** Is-Sa Meli qalet kif il-mozzjoni hi kienet qed tilqahha.

**18/02/15** Is-Sa Gauci qalet kif is-Sindku ma kelliex għażla oħra sabiex tilqa din il-mozzjoni, u kif, jekk kien hemm xi nuqqasijiet, dawn kienu nuqqasijiet mill-uffiċċju.

**18/02/16** Is-Sa Meli reġgħet spjegat kif hi ma kellha l-ebda problema sabiex tilqa din il-mozzjoni u ma hemmx aktar x'jiġi diskuss dwar dan qabel jinħareġ ir-rapport ta' l-awditjar.

**18/02/17** Is-Sa Meli qalet kif dakinhar, fl-isfond ta' ħafna affarijiet li kienu għaddejjin fuq il-midja soċjali li l-Kunsill preċedenti ma jafx bihom, hi qalet li ma kinitx ser tqajjimhom waqt din il-laqgħa imma ser ikunu qed jitqajmu f'laqgħat oħra peress li ma kienux fuq l-aġenda ta' din il-laqgħa u għal din ir-raġuni hi talbet sabiex il-Kunsilliera jgħaddu għal vot.

**18/02/18** Is-Sa Meli qalet kif hi kienet qed tipproponi li l-mozzjoni mressqa tiġi milquha u jsir awditjar kemm mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kif ukoll mill-Awditur Ġenerali, kif kien ġie mressaq fil-mozzjoni.

**18/02/19** Is-Sa Gauci qalet kif huma kienu qed jinsistu li dan isir biss mill-Awditur Ġenerali.

**18/02/20** Is-Sa Meli qalet kif hi tieħu deċiżjonijiet min minn hawn fil-kamra preżenti biss u għal darb'oħra pproponiet sabiex il-vot jgħaddi bl-awditjar konġunt.

**18/02/21** Is-Sa Gauci baqgħet tinsisti li għandu jsir awditjar mill-Awditur Ġenerali biss.

**18/02/22** Is-Sa Meli talbet sabiex il-Kunsilliera preżenti jieħdu vot fejn hi kienet qed tipproponi li l-awditjar isir wieħed konġunt.

**18/02/23** Is-Sa Francesca Attard qalet li peress li l-Kunsill jaqà taħt ir-responsabilità tal-Gvern Lokali, hi qablet ma dak li kien qed jiġi propost mis-Sa Meli.

**18/02/24** Is-Sa Marilena Hassan u s-Sa Helen Gauci insistew li dan l-awditjar isir biss mill-Awditur Ġenerali u kif din il-mozzjoni ġiet imressqa qabel.

**18/02/25** Is-Sa Meli tenniet li l-vot ser jitressaq għal konġuzzjoni, dak mill-Awditur Ġenerali kif ukoll mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

**18/02/26** Peress li kien hemm tliet voti favur din il-mozzjoni u tnejn kontra, id-DSE ser tkun qed tressaq talba formali kemm lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kif ukoll lill-Awditur Ġenerali.

**18/02/27** Is-Sa Gauci u s-Sa Hassan talbu lis-Sindku tikkonferma li l-mozzjoni mressqa minnhom ma kinitx ġiet aċċettata.

**18/02/28** Is-Sa Meli spjegat kif il-mozzjoni kienet ġiet aċċettata, diskussa, u ġie propost sabiex, fid-dawl ta' din il-mozzjoni din issir mhux biss mill-Awditur Ġenerali imma wkoll mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

**18/02/29** Is-Sa Gauci qaliet kif huma kien ser jitolbu investigazzjoni.

② KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111    Fax  :  2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt        Website : www.gharghur.gov.mt**

**18/02/30** Is-Sa Meli qalet kif mill-livell ta' Kunsill qed jgħaddi vot b'maġġoranza li ssir awditjar kemm mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali konġunta ma' l-Awditur Ġenerali, mingħajr ebda problema li l-Awditur Ġenerali jgħamel din l-investigazzjoni wkoll. Għal din ir-raġuni, hi qalet kif ma setatx tifhem x'kienet id-diffikulta dwar dan.

**18/02/31** Is-Sa Gauci reġgħet talbet sabiex issir investigazzjoni.

**18/02/32** Is-Sa Meli infurmat li l-vot kien għaddha b'maġġoranza u għalhekk setgħu jipproċedu għal tmiem il-laqgħa.

**18/02/33** Is-Sindku għaddiet iċ-ċavetta tas-Semaphore Tower.

**18/02/34** Id-DSE infurmat li dan is-suġġet ma kellux x'jaqsam ma' dak li kien hemm fuq l-aġenda u għal din ir-raġuni talbet sabiex il-laqgħa tiġi konkluża qabel ma titkompla d-diskussjoni.

**18/02/35** Kien hemm qbil dwar dan mill-Kunsilliera preżenti.

## 17/03 Tmiem tal-laqgħa

**17/03/01** Il-laqgħa spiċċat fis-18:17p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti.

**Mariah Meli**
**Sindku**

**Jeanette Galea**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**